MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ROBERT G MANGION**

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2012

Citazzjoni Numru. 101/2012

Kawza fil-lista: 45

**W R**
**vs**
**B G f' isimha proprju u kif ukoll fl-interess tal-minuri P G u M G; Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

**Preliminari**

Rat ir-rikors gurmanetat tal-attur li permezz tieghu wara li ppremetta :-

1. Illi hu kellu relazzjoni intima mal-konvenuta B G;

2. Illi mir- relazzjoni twieldu zewgt itfal – tifel bl-isem M G fil-21 ta' Lulju 2007 u tifla bl-isem P G fis-6 ta' Lulju

2010 u l-konvenuta stess nfurmatu bit-twelid ta’ dawn iz-zewgt ulied;

3. Illi mit-testijiet tad-DNA illi l-attur u l-wild P G gew sottomessi jaghmlu sabiex tigi kkonfermata il-paternita rrizulta li l-wild P G hija kjarament it-tifla biologika tal-attur;

4. Illi jonqos biss li jsir it-test tad-DNA fil-konfront tal-wild M G sabiex tigi kkonfermata l-paternita tal-istess wild;

5. Illi dawn iz-zewg ulied fl-Att tat-Twelid jidhru rregistrati taht “unknown father”;

6. Illi dawn il-proceduri nfethu sabiex tigi sostitwita l-parti fejn tindika “unknown father” u tigi mibdula biex tindika lil attur bhala l-missier biologiku tal-minuri M G u P G.

Talab lil din il-Qorti :-

1. Tiddikjara illi l-attur huwa l-missier biologiku tal-minuri M G u P G;

2. Tordna lil Direttur tar-Registru Pubbliku biex jeffettwa l-korrezzjoni kollha necessarju w opportuni fl-Att tat-Twelid tal-imsemmija P G u M G u jaghmlu dawk l-annotamenti necessarju fl-istess att tat-twelid sabiex fil-parti fejn tindika “unknown father” tigi mibdula sabiex tinqara bl-isem tal-attur W R kif ukoll nkluzi l-konnotati tal-attur fuq l-imsemmij att fil-parti fejn taqra: “Taghrif dwar isem u kunjom missier it-tarbija, “Professjoni, sengha jew stat iehor”, “eta”, “fejn twieled”, “fejn joqghod, u “isem u kunjom il-missier u jekk hux haj jew mejjet” u kull dettal iehor li tordna din l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta ingunta ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur u l-elenku tad-dokumenti.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li permezz taghha ssottometta:-

1. Illi preliminarjament din l-azzjoni tidher li hija intempestiva ghaliex ma kienitx preceduta minn ittra ufficjali kif hekk jirrekjedi l-Artikolu 86 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi jistqarr li hu mhuwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat u ghalhekk ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-mertu tal-kaz inkwistjoni huwa jirrimetti ruhu ghar-risultanzi istruttorji ghalkemm f'dan l-ambitu umilment jitlob li din l-Onorabbli Qorti sabiex tistieden lill-partijiet kollha koncernanti sabiex jissottomettu ruhhom ghat-testijiet genetici ghar-rigward il-minuri M G kif provdut fl-Artikolu 100A tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Illi bla hsara ghall-premess f'kaz li tintlaqa' t-talba attrici l-esponent jinvita lill-attur W R sabiex permezz ta' nota jispecifika d-dettalja personali kollha tieghu, senjament (1) l-isem u l-kunjom, (2) id-dokument tal-identita, (3) l-eta tieghu, meta twieldu l-minuri M G u P G (4) il-post tat-twelid tieghu, (5) il-post ta residenza tieghu meta twieldu l-imsemmja minuri, (6) isem u kunjom ta' missieru, u (7) jekk l-imsemmi missier patern kienx ghadu haj meta twieldu it-tfal M u P. Tali informazzjoni hija mehtiega biex tigi eventwalment inserita fl-Atti tat-Twelid tal-imsemmija P G u M G;

4. Illi bla pregudizzju ghas-suespost il-partijiet kontendenti ghandhom jiddeciedu b'mod definittiv liema kunjom ghandhom jassumi l-minuri P u M a tenur tal-Artikolu 92 (6) tal-Kap tal-Ligijiet ta' Malta;

5. Illi dejjem minghajr hsara ghal fuq espost, l-esponenti jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir tal-esponent u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjes tal-kawza istanti.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut Direttur.

Rat in-nota ta' ammissjoni tal-konvenuta B G (fol. 22)

Rat l-atti kollha.

Ikkunsidrat:

**PROVI**

l-attur kien ilu jaf lil konvenuta B G xi hmistax il-sena b'kollox; qatt ma ghexu flimkien u minn din ir-relazzjoni twieldu zewgt itfal M u P. Il-konvenuta B G kienet minn dejjem tghid li t-tfal li kellha kienu ta' l-attur. Fil-fatt kien sar it-test genetiku (DNA) tat-tifla SF biss u rrizulta li hija bint l-attur pero minhabba problem li nqalghu bejniethom sussegwentement it-test genetiku biex it-tifel M jigi prruvat li huwa iben l-attur W R baqa ma sarx minhabba li l-konvenuta B G dejjem irrifjutat u ghalhekk kellu jaghmel din il-kawza.

Ir-relazzjoni bejniethom ilha li spiccat snin ilu.

Fl-udjenza tas-26 ta' Gunju 2012, fuq talba ta' l-attur, mhux opposta mill-konvenuta u mid-Direttur, il-Qorti awtorizzat lill-attur sabiex jaghmel, fi zmien xahar, it-test biologiku tad-DNA tal-minuri M G biex jigi verifikat il-paternita tal-minuri.

L-attur ezebixa l-vera kopja tal-ittra ufficjali datata 16 ta' April, 2012, fejn interpella l-konvenuta B G sabiex tersaq ghall-pubblikazzjoni ta' Att pubbliku sabiex hu jirrikonoxxi bhala uliedu lil minuri M u P, ahwa G li twieldu minn relazzjoni intima li kellhom.

F-27 ta' Lulju 2012, l-analista Dr Marisa Cassar ezebit taht gurament, ''DNA Paternity Test Report'' rilaxxjat minnha, li jiccertifika li l-probabilita li l-attur W R huwa missier naturalit tal-minuri M G hi ta' 99.9999%

**Konsiderazzjonijiet**

Fl-ewwel lok jirrizulta li l-kawza giet intavolata fit-terminu legali dettat mill-Artikolu 86 tal-Kapitolu 16 li jipprovdi illi:

*It-tifel imnissel u mwieled barra miz-zwieg jista' jigi maghruf mill-missier u mill-omm, sew mit-tnejn flimkien kemm ukoll separatmanet:*

*Izda meta l-persuna li taghraf ruhha bhala missier it-tifel hija minuri, it-taghrif li taghmel din il-persuna huwa null:*

*Izda wkoll it-taghrif ta' tifel imwieled barra miz-zwieg minn persuna li tghid lit kun missier it-tifel li jsir separatament mill-omm, ma jkollu ebda effett u ma jigix registrat kemm-il darba omm dak it-tifel, jew il-werrieta taghha jekk hija tkun mejta, u t-tifel innifsu jekk ikun lahaq l-eta, ma jkuns gew notifikati b'ittra ufficjali minn persuna li jkollha interess li fiha jkun hemm dikjarat li dik il-persuna tkun bi hsiebha tapplika ghar-registrazzjoni ta' dak it-taghrif u l-omm, jew il-werrieta taghha skont il-kaz u t-tifel ma jkunux fi zmien xahrejn minn dik in-notifika permezz ta' nota prezentata fl-atti ta' dik l-ittra ufficjali u n-nota li turi l-qbil ghandhom jigu notifikati lid-Direttur tar-Registru Pubbliku li ghandu jghaddi biex jirregistra l-imsemmi taghrif fl-atti tal-istat civili relattivi:*

*Izda meta l-omm jew it-tifel li jkollu l-eta ma jkunux kif hawn qabel imsemmi jaqblu ma' dik ir-registrazzjoni jew jibqghu ma jwegbux fiz-zmien ta' xaghrejn fuq imsemmi, kull min ikollu interess jista jmexxi b'rikors quddiem il-Qorti kompetenti kontra l-persuna jew il-persuni li ma jkunux hekk qablu, biex il-Qorti tiddikjara li min jaghmel it-taghrif ikun missier it-tifel u tordna r-registrazzjoni ta' dak it-taghrif fl-atti tal-istat civili relattivi."*

Fir-risposta guramentata tieghu il-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku eccepixxa b'mod preliminary illi l-azzjoni hija intempestiva in kwantu ma kenitx preceduta minn ittra ufficjali ai termini tal-Artikolu 86 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Huwa minnu li l-artkolu 86 Kap.16 johloq procedura aktar spedituza u anqas kostuza sabiex missier ta' iben imwieled barra z-zwieg u li ghadu mhux rikonoxxut,

jirrikonoxxi l-wild tieghu, pero' in-nuqqas li wiehed jirrikorri ghall-procedura tal-ittra ufficjali ma hiex, fil-fehma tal-Qorti, ostakolu sabiex wiehed jadixxi l-Qorti ghal dikjarazzjoni ta' paternita' ta' wild imwieled barra z-zwieg. Jista' jkun il-missier stess li jkun jirrikjedi dikjarazzjoni gudizzjarja li huwa l-missier qabel ma ismu jigi registrat fir-Registru Pubbliku bhala missier it-tifel. Ghalhekk l-eccezzjoni tal-intempestivita' ser tigi respinta.

Mill-atti jirrizulta li r-rekwiziti rikjesti bl-artikolu 86 fuq citat huma sodisfatti.

**Decide.**

Ghar-ragunijiet premessi, din il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi previa li tichad l-eccezzjoni tal-intempestivita' tal-konvenut Direttur, tilqa' t-talbiet attrici, :

1. Tiddikjara illi l-attur huwa l-missier biologiku tal-minuri M G u P G;

2. Tilqa t-tieni talba fl-intier taghha u tordna lil Direttur tar-Registru Pubbliku biex jeffettwa l-korrezzjoni kollha necessarju w opportuni fl-Att tat-Twelid tal-imsemmija P G u M G u jaghmlu dawk l-annotamenti necessarju fl-istess att tat-twelid sabiex fil-parti fejn tindika "unknown father" tigi mibdula sabiex tinqara bl-isem tal-attur W R kif ukoll nkluzi l-konnotati tal-attur fuq l-imsemmij att fil-parti fejn taqra: "Taghrif dwar isem u kunjom missier it-tarbija, "Professjoni, sengha jew stat iehor", "eta", "fejn twieled", "fejn joqghod, u "isem u kunjom il-missier u jekk hux haj jew mejjet" u kull dettal iehor li tordna din l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjes kontra l-attur W R u l-konvenuta BG f'isimha b'indaqs bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------